# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 4/2023 BS**

**SS**

**-vs-**

**IVS**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat konġunt tal-partijiet illi jippremettew:**

ILLI l-partijiet iżżewġu fil-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), mil-liema żwieġ ma twieldu l-ebda wlied;

ILLI l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'A';

ILLI l-esponenti ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal iktar minn sitt xhur mis-sena preċedenti;

ILLI ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-pronunzjament tad-divorzju skond [sic] l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro t-terminu mogħti minn din l-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni opportuna.

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat konġuntiv tal-partijiet;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti mar-rikors ġuramentat;

**Fliet** il-kuntratt ta' separazzjoni;

**Fliet** id-dokumenti u l-atti kollha;

**Rat** l-Artikoli 66A, 66B u 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Semgħet** ix-xhieda ta' IVS;

**Rat** illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti;

**Rat** ukoll li mill-atti jirriżulta ben ċar illi ma hemm l-ebda possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet f'partijiet ugwali.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**